# KELLI XORTI MA TWELIDTX ILTIM

## It-Traġedja ta' bejn il-Fliegu 70 sena ilu



Mons. Karm Borg

Kerċmi
**ĊIKKU GAUCI** Fost l-erba' li Salvaw mill-Għarqa

Kerċmi ieħor
**KARLU BORG** Salva mingħajr ma ra l-Għarqa

***Kien is-Sibt 30 ta' Ottubru 1948 meta seħħet l-għarqa tal-luzzu ħdejn il-Blata taċ-Ċawl bejn Għawdex u Kemmuna. Jien li qed nikteb kien għad baqgħali ftit inqas minn xahar biex nitwieled. Jien twelidt nhar is-Sibt 27 ta' Novembru 1948. Imma jkolli ngħid li din it-traġedja, sirt naf biha, jew biex inkun iktar preċiż, ħassejtha, meta kien għadni f'ġuf ommi. U forsi sofrejt ukoll xi ftit minħabba fiha! Imma x'kelli x'naqsam jien?Kompli aqra u tifhem aħjar….***

Dakinhar tat-30 ta' Ottubru 1948, missieri Karlu, li f'dak iż-żmien kien stazzjonat bħala kuntistabbli fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Tarxien, kellu jaqsam għal Għawdex wara xi ġranet ta' servizz f'Malta. Ommi dik il-lejla stennietu. Imma baqa' ma ġiex id-dar. Xħin stennietu fit-tul u ma wasalx, ommi ħasbet li għal xi raġuni kien inbidel ix-xift tax-xogħol, u allura kellu jibqa' Malta. Ġie li kien ġara hekk qabel. Ommi kienet mara pożittiva ħafna; ma ħasbet xejn ħazin. U meta l-ħin beda jagħmel sewwa inġabret fis-sodda u raqdet. Wieħed irid jiftakar li dakinhar kien għad ma għandniex it-telefon id-dar. Żgur li ma kienx hawn telefon ieħor f'Ta' Kerċem għajr dak li kien hemm fil-Għassa tal-Pulizija. Il-komunikazzjoni kienet skarsa ħafna. Illum, meta għandna tant mezzi tal-komunikazzjoni għad-dispozizzjoni tagħna ma nimmaġinawx kemm konna iżolati dakinhar.

Meta filgħodu ħarġet għall-quddies, ommi kellha tieħu l-ikbar qata' ta' ħajjitha! In-nies kienu qed jitkellmu dwar l-għarqa tal-luzzu li seħħet il-lejla ta' qabel. Għadd ta' ħaddiema Għawdxin kienu mietu mgħarrqa ħdejn il-Blata taċ-Ċawl viċin Kemmuna, mhux bogħod mix-xatt tal-Imġarr. Qalu li fost l-oħrajn kien salva Ċikku "tal-Mulett". Qalb ommi għamlet tikk. Il-lejla ta' qabel kienet qed tistenna lil missieri lura d-dar. Missieri ma kienx irritorna. Mhemmx għalfejn ngħidu x'għadda minn għala moħħ ommi f'dak il-mument. Nistgħu naħsbu. Qabadha paniku! Niftakarha tgħid : "ried iħossni ħażin".

Imma għall-grazzja t'Alla dak li kienet immaġinat ommi ma kienx seħħ. Il-Ħadd 31 ta' Ottubru missieri ġie lura d-dar qawwi u sħiħ. U hawn irrakkonta l-istorja kollha kif kienet ġrat. U fuq kollox kif hu ħeles minn dik it-traġedja li seħħet ftit tas-sigħat qabel. Baqa' jirrakonta dik il-ġrajja sakemm miet. Mhux darba jew tnejn smajtha minn fommu!

Veru li missieri suppost kien imissu l-ġurnata tal-frank tiegħu. Imma x'kien ġara? Ġara hekk : Ċertu Karmnu Spiteri, kuntistabbli Għawdxi ieħor, li flimkien ma' missieri kien stazzjonat fl-Għassa ta' Ħal Tarxien, kellu jiżżewweġ fil-ġranet ta' wara, u billi kellu xi affarijiet xi jħejji qabel it-tieġ kien talab lill-missieri biex jibdillu x-xift. Missieri li kien ikollu mitt sena sa ma jerġa' lura d-dar, biex jgħamillu pjaċir, bidillu x-xift biex sieħbu jkun jista' jlaħħaq mal-impennji li kellu konnessi mat-tieġ. Fi ftit kliem, missieri, kif nisimgħu jgħid hu stess, dakinhar salva mill-għarqa minħabba l-pjaċir li għamel lil sieħbu Karmenu. Kieku, kif dejjem kien jgħid hu, żgur u mhux forsi li kien ikun ma' dawk l-imsejkna li sofrew dik id-diżgrazzja. Aħna llum forsi ngħidu : "Ma kinitx miktubha għalih".

Imma issa ejja naraw daqxejn l-istorja kif ġrat. L-MV Banċinu, dakinhar tat-30 ta' Ottubru 1948, ħadem it-trip tas-1.15pm mill-Imġarr u minħabba r-riħ il-Lbiċ li kien qed jonfoħ sew, flok daħal il-Marfa baqa' sejjer lejn San Pawl il-Baħar. Allura ittardja. Għaldaqstant it-trip tal-4.30pm kien kanċellat. Iżda xi passiġġieri kienu diġà fi triqthom mill-Belt Valletta lejn il-Marfa. Biex naqta' fil-qasir, xi ħadd

ikkuntattja ma' Għawdex biex jintbgħat luzzu biex jiġbor lil dawk il-passiġġieri li sabu ruħhom il-Marfa wara li kien ikkanċellat l-aħħar trip tal-Banċinu.



Ċertu Salvu Refalo u sieħbu Karmnu Grima ddeċidew li jidħlu huma għal dan il-vjaġġ li għal bidu ma kienx jidher daqshekk perikoluż. Imma meta waslu l-Marfa u sabu li kien hemm 24 raġel u mara li riedu jaqsmu lejn Għawdex, dawn tħassbu dwar is-sigurta tal-vjaġġ u offrewlhom li jagħmlu żewġ vjaġġi. Imma l-passiġġieri pprotestaw u kienu pronti kollha telgħu fuq il-luzzu. Bejn il-Marfa u Kemmuna, il-baħar ma kienx daqshekk imqalleb, imma meta kisru l-Kemmuna l-baħar hawn kien qawwi. Hawn ir-riħ il-Lbiċ jaqbel ħafna u, meta jkun qawwi, ikun tassew perikuluż. It-tmunier kien tal-fehma li aħjar ma jibqgħux sejrin lejn ix-xatt tal-Imġarr. Kien jaqbel li jidħlu Ħondoq ir-Rumien flok l-Imġarr. Imma xi wħud mill-passiġġieri insistew li jibqgħu sejrin lejn l-Imġarr għalkemm il-mewġ kien qed jaħbat b'qilla kbira fuq il-luzzu. Kien hemm saħansitra xi ħadd fost il-passiġġieri li qallu: "Aħna ħallasniek biex twassalna sal-Imgarr". Kien jidher li kienu deħlin fil-periklu; u hawn ċertu Leli Camilleri, Soċju tal-Mużew miż-Żurrieq, stieden lil sħabu fuq id-dgħajsa biex jitolbu r-Rużarju. Hekk għamlu. Bdew jitolbu, imma meta dawk ta' fuq il-luzzu kienu diġà qed jaraw xi dawl fil-port tal-Imġarr, il-baħar, li kif ngħidu żaqqu ratba imma rasu iebsa, għamel tiegħu. Mewġa kbira ġiet fuqhom, il-passiġġieri marru fuq naħa waħda, u l-luzzu, mgħobbi kif kien, inqaleb, u sabu ruħhom f'nofs ta' baħar. Kienu ftit wara t-8.00 ta' filgħaxija. Wieħed jista' jimmaġina x'biza' li ssib ruħek f'baħar irid jibla l-art, f'dak id-dlam taqtgħu b'sikkina.

Karmnu Attard, l-iktar żagħżugħ fost il-passiġġieri kollha, irnexxielu jitla' l-art, u wara li tgeżwer kif sata' fi xkora li sab fuq dgħajsa f'Ħondoq ir-Rummien, baqa' sejjer bla nifs lejn l-Għassa tal-Pulizija tal-Qala biex iwassal l-aħbar tat-traġedja li kien għadha kif seħħet. Mill-Għassa tal-Qala ġew infurmati l-pulizija fl-Għassa tal-Imġarr, u dritt beda t-tfittix għal dawk li sofrew l-għarqa taħt id-direzzjoni tas-Suprintendent Joseph Depiro li f'dak iż-żmien kien responsabbli mid-distrett ta' Għawdex. Mal-pulizija inaġbru wkoll fil-Port tal-Imġarr għadd ta' Għawdxin li dlonk offrew l-għajnuna tagħhom biex jiġu salvati l-vittmi ta' din id-diżgrazzja – il-biċċa l-kbira tagħhom ħaddiema Għawdxin li kienu qed jirritornaw lura d-dar wara ġimgħa xogħol. Intalbet l-għajnuna tar-Royal Navy u r-Royal Air Force li min-naħa tagħhom kienu pronti jibagħtu l-għajnuna. It-tfittix għall-mitlufa beda minnufih. Sadattant, ġie kkonfermat li tlieta minn dawk li kienu fuq il-luzzu – Michael Buttigieg min-Nadur, Pawlu Żammit mix-Xagħra, u Ċikku Gauci minn Ta' Kerċem – irnexxielhom jaslu l-art. Skont tagħrif li ġbart mingħand oħtu Stella Farrugia, Ċikku Gauci dam jitħabat mal-qilla tal-imwieġ għal tmien siegħat sħaħ qabel irnexxielu jitla' l-art.

L-għada tat-traġedja, Karmnu Attard li kien l-ewwel wieħed li laħaq l-art, mar fis-Santwarju ta' Pinu biex jirringrazzja lill-Madonna. Hemm ħalla ċ-ċurkett tad-deheb li kellu bħala *ex voto* lill-Madonna ta' Pinu. Hekk ukoll għamel Ċikku Gauci "tal-Mulett". Iċ-ċurkett tad-deheb li kellu f'idejh tah lill-Madonna ta' Pinu bħala ringrazzjament għall-ħelsien tiegħu mill-għarqa.

Fi stqarrija maħruġa mill-Pulizija nhar l-1 ta' Novembru 1948 intqal li 16 minn dawk li kienu fuq il-luzzu kien għadhom ma nstabux filwaqt li 7 katavri kienu ttellgħu mill-baħar. Xi katavri ttellghu mill-baħar min-naħa ta' Fomm ir-Riħ fil-punent ta' Malta, xi sitt ijiem wara.

Il-funeral tal-ewwel sebgħa li nstabu, sar nhar it-3 ta' Novembru 1948 fil-Katidral ta' Għawdex, fejn iċċelebra l-quddiesa l-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace. Il-korteo funebri li telaq mill-Isptar Ċentrali ta' Għawdex għall-ħabta tat-8.30 ta' filgħodu, tmexxa mill-Kapitlu tal-Katidral u għalih, flimkien mal-qraba tal-vittmi, attendew il-Prim

Ministru Dr. Pawlu Boffa bħala rappreżentant tal-Gvernatur, il-Kummissarju għal Għawdex Edgar Montanaro, u l-membri Għawdxin tal-Assemblea Leġiżlattiva. Kienu preżenti wkoll il-Kapitli tal-Kolleġġjati tal-Għarb, tan-Nadur, u tax-Xagħra, il-Kappillani, u membri oħra tal-kleru. Fil-korteo funebri ħadu sehem ukoll stakkament tar-Royal Air Force u tal-Pulizija ta' Malta.

Il-funeral ta' Emanuel Camilleri sar nhar l-4 ta' Novembru fiż-Żurrieq. It-tebut intrefa' mill-membri tas-Soċjetà tal-Museum u l-korteo funerbri tmexxa mir-Rev. Mons. Prof. Pietru Pawl Saydon. Flimkien mal-membri tal-familja akkompanjaw il-korteo funebri sħabu ħaddiema, u rappreżentanza tal-Każin tal-Banda Santa Katerina u membri tal-Azzjoni Kattolika.

Il-Gvernatur ta' Malta Sir Francis Douglas, Dr. Pawlu Boffa Prim Ministru, Dr. Enrico Mizzi Kap tal-Partit Nazzjonalista, u l-Professur Giuseppe Hyzler Kap tal-Partit Demokratiku, bagħtu l-kondoljanzi tagħhom lill-familjari tal-vittmi



Ċikku Gauci "tal-Mulett", il-Kerċmi li salva mill-għarqa, kien miżżewweġ lil ċerta Rita mir-raħal tax-Xewkija. Kien ilu għal xi snin jaħdem Malta, l-ewwel bħala naġġar, u mbagħad f'ħanut li jservi l-ikel ħdejn is-suq tal-Belt Valletta. Fi żmien qasir, dan Ċikku, li twieled f'Ta' Kerċem nhar it-23 ta' Mejju 1924, kien siefer lejn l-Awstralja fejn għex għall-bqija ta' ħajtu flimkien mal-familja tiegħu, sakemm miet nhar id-29 ta' Ottubru 2014, fil-għomor ta' disgħin sena. Il-funeral tiegħu sar fil-Knisja tal-Qalb ta' Gesù, St. Albans, nhar is-7 ta' Novembru 2014.

Ta' kull sena, fit-30 ta' Ottubru, jew f'xi ġurnata fil-qrib, bi programm kordinat mill-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, issir it-tifkira ta' din l-ikbar traġedja li seħħet fil-fliegu. Issir quddiesa, u wara jsir tfigħ ta' fjuri fil-baħar, fil-post tat-traġedja.

U hawn nixtieq li nagħlaq din il-kitba billi anke jien, f'dan is-70 anniversarju ta' din id-diżgrazzja li ġabet niket f'tant familji, insellem lil dawk ħutna li tilfu ħajjithom f'dik id-diżgrazzja u nsemmihom b'isimhom.

Dawn kienu:
**Duminku Attard, Karmnu Azzopardi, Mikiel Azzopardi, Rita Buttigieg, Salvu Buttigieg, Manwel Camilleri, Gorg Curmi, Guzeppi Dingli, Guzeppi Gatt, Gorg Galea, Karmnu Grima, Ganni Mercieca, Wistin Magro, Grezzju Magro, Cikku Portelli, Salvu Refalo, Baskal Sammut, Karmnu Spiteri, Manwel Sultana, Manwel Vella, Pawlu Vella, Guzeppi Scicluna, u Manwel Zammit.**

